MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Numru. 956/2004

PULIZIJA
SPETTUR MICHAEL MALLIA
VS
JOSEPH ATTARD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Attard, ta' 43 sena, iben Joseph u Ludgarda nee' Bugeja, imwieled Pieta' fit-28 t'April 1961, u residenti Numru 283, Triq San Albert, Gzira, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 321861(M), u akkuzat talli fir-residenza ta' l-Ambaxxatur Awstraljan, San Pawl tat-Targa n-Naxxar, nhar it-2 ta' Novembru 2004, ghal habta tas-2.30pm, ikkommetta serq ta' mobile phone ta' l-ghamla Samsung, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf Lira Maltin (Lm1000), bil-persuna u bil-lok u li sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew xi persuni ohra.

U aktar talli nhar it-3 ta’ Novembru 2004, u fil-jum ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf Lira Maltin (Lm1000).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputat (a fol 91) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda ta’ l-Ispettur Michael Mallia (ara fol 16 et seq), il-Control Room tal-Pulizija rceviet telefonata mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera, li rrapurtat li waqt li hija kienet qed tattendi funzjoni privata fir-residenza ta’ l-Ambaxxatur Awstraljan, f’San Pawl tat-Targa, xi hadd serqilha l-‘mobile phone’ taghha. Dan il-‘mobile phone’ tal-marka Samsung SGHE710, huwa l-‘mobile phone’ li tuza’ l-istess Magistrat fil-qadi tal-funzjonijiet taghha. Dan il-‘mobile phone’ kellu IME Number 352838002165133, u l-linja tas-Sim Card kienet 79471790.

Illi l-Pulizija bdiet l-indagni taghha, u l-impjegati, inkluzi ‘waiters’ u ‘chefs’ u ‘cleaners’ li kienu ‘on duty’ dakinhar gew mitkellma, u nghataw l-opportunita’ biex jirritornaw dan il-‘mobile’ indikat, pero’ dan l-ezercizzju sar inutilment. L-Ufficjal Prosekutur xehed illi wara dan, huwa ghamel ‘request’ lill-Go Mobile, sabiex jigi ntraccjat il-lokalita’ ta’ dan il-‘mobile’.

A fol 18, l-Ufficjal Prosekutur ta sensiela ta’ tracci li halla dan il-‘mobile’, skond ir-rapporti mid-dirigenti tal-Go Mobile. Minn dan ir-rapport, l-Ufficjal Prosekutur ikkonkluda illi dan il-‘mobile’ li gie misruq, filfatt kien qed

jintuza’ minn certu Elizabeth Attard, residenti 283, St Albert Street, Gzira, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ 137862(M).

Illi ghaldaqstant, l-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti illi huwa acceda ghal dan il-fond sabiex huwa jinvestiga lill-persuna ndikata. Gie stabbilit illi Elizabeth Attard kienet it-tifla ta’ l-imputat, u li kien l-imputat li kien qed jaghmel uzu minn dan il-‘mobile phone’ u li bintu ma kellha x’taqsam xejn. **Gie pruvat ukoll illi l-imputat kien wiehed mill-‘waiters’ li kienu hadmu fl-Ambaxxata Awstraljana dakinhar illi gie nieqes il-‘mobile’ indikat.**

Fl-ewwel stqarrija ta’ l-imputat, dan baqa’ jsostni li ma kellu x’jaqsam xejn f’din is-serqa. Il-‘mobile phone’ gie esebit bhala dokument MM1, waqt illi l-istqarrija ta’ l-imputat giet esebita bhala dokument MM, li tinstab a fol 28-31 tal-process.

In kontro ezami, l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma illi l-imputat kien ikkopera mal-Pulizija, fis-sens li kien irrisponda diversi mid-domandi li sarulu, ikkonferma illi x-xoghol tieghu huwa ma’ l-Ambaxxata Awstraljana, u kien ikkonferma illi l-familjari tieghu kollha kienu jahdmu ma’ l-Ambaxxata Awstraljana bhala ‘part-time work’. In kontro ezami, l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma illi ‘search’ fuq l-impjegati ta’ l-Ambaxxata Awstraljana ma saritx. Infatti, fl-istqarrija tieghu, l-imputat ma setax jirrispondi kif il-‘mobile phone’ li nsteraq mill-Ambaxxata Awstraljana gie fil-pussess tieghu u saru dawk it-telefonati ndikati fl-istqarrija mill-Ufficjal Prosekutur.

Dr Robert Tufigno, a fol 33, in rapprezentanza ta’ Mobile Communications Limited, ikkonferma illi l-‘mobile’ ndikat mill-Prosekuzzjoni, filfatt ghamlet telefonata fit-2 ta’ Novembru 2004 b’Sim Card number 79256579, u ghamel telefonata ohra fit-3 ta’ Novembru bl-istess Sim Card. Dawn it-telefonati gew irrekordjati permezz ta’ ID 10233, u ID 10291, u din l-informazzjoni kollha giet esebita u mmarkata bhala dokument RT1, RT2, RT3-RT6.

Martin Zammit, a fol 43 et seq, Senior Executive Engineer, ta spjegazzjoni kollha ta’ kif il-kumpanija setghet tintraccja t-telefonati ndikati minn Dr Robert Tufigno.

PS 90 Jeffrey Gerada, a fol 50 et seq, ikkonferma l-prezenza tieghu ghall-istqarrija dokument MM. Ikkonferma li gie elevat s-Samsung mertu tal-kawza.

A fol 53, il-Magistrat Scerri Herrera tat ix-xhieda taghha u kkonfermat illi hija kienet mistiedna fl-Ambaxxata Awstraljana, fit-2 ta’ Novembru 2004, f’liema gurnata hija kienet il-Magistrat ta’ l-Ghassa. Xehdet illi hija kienet zammet il-‘mobile phone’ fuq il-persuna taghha, il-‘mobile phone’ tal-marka Samsung, SGHE710, li ghandu IME Number 352638002165133. Dan kien ‘mobile’ gdid, u l-kaxxa tieghu kienet ghadha fil-pussess ta’ l-istess Magistrat. Illi huma gew imsejjhin sabiex imorru f’kamra ohra, u meta hija rritornat, indunat illi l-‘mobile’ kien insterqilha. Il-Magistrat Herrera xehdet illi dak il-hin stess, tramite l-hbieb taghha, hija bdiet iccempel fuq in-numru tal-‘mobile’ taghha halli tipprova tintraccjah, pero’ sabitu mitfi. Minn hemmhekk allura, indunat minnufih illi xi hadd kien messilha l-‘mobile’ ghaliex hija kienet certa illi hallietu mixghul minhabba li kienet ta’ l-Ghassa.

Minkejja t-tfittxija ntensiva li saret dak il-lejl, dan il-‘mobile’ baqa’ ma nstabx. Ghaldaqstant, hija ghamlet rapport l-ghassa tal-Pulizija.

A fol 55, il-Magistrat Herrera kkonfermat illi dan il-‘mobile’ kien jiswa’ mitejn Lira Maltin (Lm200), u li n-numru tieghu kien 79471790.

Spettur Michael Mallia, a fol 62, esebixxa ittra mill-Vodafone CID/2301/G/2004, li giet esebita u mmarkata bhala dokument MMX, li r-ricerki taghha kienu fin-negattiv.

Peter Micallef, a fol 67, impjegat mal-Qrati tal-Gustizzja ta’ Malta, ikkonferma illi l-‘mobile phone’ bin-numru 79471790 kien propjeta’ tal-Gvern u kien ‘mobile phone’ li kien gie assenjat lill-Magistrat Dr Scerri Herrera.

A fol 73, l-imputat jghid illi x-xoghol tieghu huwa ‘store keeper’ f’lukanda f’Tas-Sliema, u li bhala ‘part-time’ huwa jaghmel xoghol ta’ ‘waiter’ f’diversi postijiet u lukandi u anke ambaxxati. Ikkonferma illi fit-2 ta’ Novembru 2004, huwa kien qed jahdem mal-membri tal-familja tieghu ghand l-Ambaxxata Awstraljana. Dan ix-xoghol kien ilu jaghmlu ghal dawn l-ahhar hames jew sitt snin. L-imputat ikkonferma illi matul is-serata, huma gew infurmati li ntilef xi ‘mobile’. L-imputat ikkonferma illi dan il-‘mobile’ ma rahx.

L-imputat xehed illi wara illi lestew, marru d-dar u li hu u hiereg, daqsxejn ‘l boghod mill-karozza tieghu, ra ‘mobile’ ma’ l-art mghaffeg u mkisser. Huwa gabru u waddbu fil-but. Xehed illi meta wasal id-dar, huwa tefa’ s-Sim Card tieghu f’dan il-‘mobile’ u prova jhaddmu, pero’ ma hadimx. Meta ra illi dan il-mobile kien imkisser, qabad u ramieh. Xehed illi huwa kien prova jhaddem dan il-‘mobile’ billi jcempel it-telefon tad-dar tieghu stess, pero’ ma hadimx il-‘mobile’ u ma qabadx. L-ghada bdew l-investigazzjonijiet tal-Pulizija u l-Pulizija kienu arrestaw lit-tifla tieghu Elizabeth, li pero’ ma kellha x’taqsam xejn ma’ dan, ghaliex is-Sim Card, minkejja li kienet registrata f’isimha, kien qed jaghmel uzu minnha l-istess imputat.

L-imputat Attard, a fol 75, halef illi huwa ma serqux dan il-‘mobile’, u li ma kienx ser jitlef ir-reputazzjoni tieghu fuq **‘bicca ta’ mobile’** (ibid) u ma kienx se jipperikola x-xoghol tieghu u dik tal-familja ntiera tieghu. a fol 76, l-imputat bil-gurament tieghu, jerga’ jikkonferma li dan il-‘mobile’ huwa sabu xi hmistax-il metru ‘l boghod mir-residenza ta’ l-Ambaxxatur Awstraljan f’’nofs ta’ triq.

A fol 77, l-imputat xehed illi meta kien gie arrestat mill-Pulizija u gie biex jaghmel l-istqarrija tieghu, huwa ippanikkja u beza’:

**‘Wara rrejalizzajt u bdejt nghid dak il-mobile ma jmurx, wara kont naf jiena meta qedtuli intom, jien ma kontx naf ta’ min hu.’**

Mistoqsi mill-Qorti ghalfejn ma qalx il-verita’ fl-istqarrija tieghu, l-imputat xehed is-segwenti:

**‘Sinjura bzajt, emminni bzajt u ppanikkjajt, ma kontx naf li dak il-mobile tal-Magistrat, jiena, li sibt barra, fejn dan m’ghandekx kif qedtlek, dan mhux ID Card tkun taf ghandek l-address u l-isem b’kollox, jien fejn naf li huwa tal-Magistrat. Tghidli ma stajtx tirritornah lill-Pulizija, mitt darba u elf vera.’ (ara xhieda a fol 77).**

A fol 78, l-imputat stqarr illi ma setax jiftakar jekk kemm-il darba, fid-data u hin li ghamel l-istqarrija, huwa kienx diga’ gie nfurmat illi l-‘mobile’ kien jappartjeni lill-Magistrat Scerri Herrera. A fol 79, l-imputat iddispjacieh ta’ dak li gara, u jammetti illi zbalja.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta ampjament illi dan il-kaz jinkwadra perfettament taht dak li jissejjah ‘the doctrine of recent possession’. Din id-dottrina sabet l-applikazzjoni taghha fil-ligi Maltija (ara Pulizija vs Emanuel Seisun u Pius sive Piu Micallef, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-26 t’Awissu 1998). Dik il-Qorti kienet irrimarkat:

*‘Fil-fehma ta’ din il-Qorti, din it-tejorija mhi xejn hlief l-applikazzjoni ta’ bon sens ghal cirkostanzi partikolari illi jkunu jirrizultaw ippruvati, fis-sens illi meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzjoni li persuna partikolari tkun hatja ta’ reat ta’ serq, ta’ oggett misjub ghandha, jew skond ic-cirkostanzi, ta’ reat ta’ ricettazzjoni ta’ dawk l-oggetti.’*

Illi fil-ktieb awtorevoli On Evidence, Cross & Tapper, 8th Edition, a fol 35, jinghad:

*‘If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or*

*believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant, whether the case is being considered as one of theft or of handling, but it has come into particular prominence in connection with latter, because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from somebody else. Where the only evidence is that in defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief: (a) if he offers no explanation to account of his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.'*

Rigwardanti t-trapass ta' zmien mis-serqa ghad-data tal-pussess ta' l-oggett misruq, jinghad is-segwenti:

*'Every case depends on its own facts, there is no magic in any given length of time. However it is submitted that in many cases, where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in a great majority of cases, there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It will be impossible to comply a definite list of circumstances which might be relevant. They will include,* ***however, the time and the place of the theft, the type of property stolen, the likely for it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence.'*** *(vide Archibold: Criminal Pleadings, Evidence and Practice 1997 par as 21-125, 21-126).*

Illi fil-kaz in dezamina, huwa evidenti illi l-imputat huwa marbut mad-data u hin tas-serq, kif fuq spjegat minn Cross & Tapper u Archibold, fis-sens illi huwa kien impjegat 'part-time' bhala 'waiter' fir-riceviment li kien qed

isir fl-Ambaxxata Awstraljana, meta filfatt twettaq is-serq. Illi in oltre, dan il-'mobile' intmess fis-sens illi ntefa' minn min hadu; illi l-imputat a tempo vergine nnega kif innegaw l-impjegati l-ohra prezenti fl-Ambaxxata Awstraljana li kien messu, **pero' niente di meno, is-Sim Card ta' Elizabeth Attard, bint l-imputat intefghet f'dan il-'mobile phone', liema 'mobile phone' ghamel zewg telefonati fl-istess gurnata tat-2 ta' Novembru 2004 u l-ghada t-3 ta' Novembru 2004; l-imputat ammetta illi kien hu illi tefa' s-Sim Card ta' Elizabeth Attard f'dan il-'mobile'.**

Illi l-Qorti rat l-istqarrija ta' l-imputat, kif ukoll ix-xhieda illi huwa ta fil-pedana tax-xhieda, u gharfet illi l-istqarrija dokument MM mhix veritiera, u filfatt dan gie ammess mill-imputat matul ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. Illi l-verzjoni li nghatat waqt it-testimonianza ta' l-istess imputat ghar-rigward ic-cirkostanzi ta' kif sab it-telefon, m'ghandha xejn mis-sewwa. Dan qed jinghad ghaliex l-imputat ipprova jipperswadi lil din il-Qorti illi ma kienx hu li seraq dan il-'mobile' u li kien semplicement sabu xi hmistax-il metru 'l boghod mill-Ambaxxata Awstraljana, u li tefghu fil-but.

Illi jekk kemm-il darba wiehed anke jaghmel ezami hafif tat-testimonianza ta' l-imputat, wiehed jinduna illi din mhi xejn hlief skuza, kwazi anke banali, fi sforz sabiex l-imputat jghatti eghmilu. Dan qed jinghad ghaliex l-imputat **kien diga' jaf qabel ma telaq ir-residenza ta' l-Ambaxxata Awstraljana, li kien hemm 'mobile' li nsteraq minn fuq il-post.** Allura jekk fi kliemu, huwa kien herqan sabiex jipprotegi x-xoghol tieghu u tal-familja tieghu, kien ikun mistenni li l-imputat jinnotifika lill-Pulizija minnufih u ma jmissx dan il-'mobile' biex ma jigux trasferiti xi 'finger prints' fuqhom. Mhux talli ma ghamilx hekk l-imputat, izda talli waddbu fil-but, u minkejja li jghid li **dan il-'mobile' ma hadimx, filfatt irnexxielu jaghmel zewg telefonati fuqu, dak il-hin stess u l-ghada matul il-gurnata.**

Illi kien biss meta l-imputat irrejalizza li b'eghmilu, huwa kien sejjer **jitfa' dell ta' htija fuq it-tifla tieghu**, illi filfatt

ammetta illi dik is-Sim Card kienet fil-pussess tieghu u li kien ghamel uzu esklussiv minnha huwa stess.

Illi in vista tal-gideb ripetut ta' l-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li tikkonkludi li kien l-imputat stess illi effettivament seraq dan il-'mobile' fil-lejl indikat fic-citazzjoni.

**Infatti, l-imputat hallas l-ammont kollu dovut fil-mori tal-kawza.**

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza li minnha tilliberah stante li hija akkuza alternattiva, u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268(d), 269, 279, 280 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal tmien xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

Din il-piena qed tinghata in vista tal-fatt illi l-imputat mhuwiex 'a first offender'.

Il-Qorti spjegat l-import u l-konsegwenzi ta' sentenza sospiza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------